# ĠUŻÈ MICALLEF 1916-1941

**IL-POETA LI MIET MA' L-EWWEL GĦANA TIEGĦU, BĦAL TLUGĦ IX-XEMX SABIĦ LI TGĦATTA BI SĦABA SEWDA, BĦAL GĦASFUR LI KIF BEDA JGĦANNI NĦATAF MINN SEQER.**

***kitba ta' Pawlu Aquilina***

Nota Personali - 1

*Nafu għalliem fl-Iskola Elementari (Primarja) fis-snin tletinijiet, sa l-1941, meta jien kont għadni daqsxejn ta' tifel fl-istess Skola Elementari ta' Raħal Twelidi, Is-Siġġiewi, li kienet fil-Pjazza. Imma ma kienx jgħallimni. Madankollu ma' nista' ninsieh qatt għall-kelma ta' kuraġġ li kien qalli darba u li baqgħet dejjem f'moħħi.*

*Kont mort fil-klassi tiegħu għax l-għalliem tiegħi kien bagħatni għandu b'xi reġistru tal-klassi. Għadni nifkakar sewwa l-klassi fejn kien jgħallem: maġenb l-entrata, inti u dieħel fuq il-lemin. Hekk kif ersaqt ħdejn id-desk tiegħu, fejn kien bilqiegħda, biex nagħtih ir-reġistru, hu ħares u miel kemxejn lejja, dawwar idu ma' qaddi u b'leħen sod u fl-istess ħin ħanin u b'għajnejh f'għajnejja, qalli: "Inti ibqa' studja!" Ma nafx jekk weġibtux jew le, imma b'rasi żgur li għedtlu "iva". U hu tbissimli... Kienet l-isbaħ u l-aqwa lezzjoni li tani! Kemm tiswa kelma ta' kuraġġ! Baqgħet f'moħħi għomri u żmieni.*

Xi wħud kienu jsibuh "Il-Ġermaniż", għax Ġużè kien studjuż ta' l-ilsna u kien jistudja l-Ġermaniż. Ilvent, irqajjaq u fuq tiegħu, kellu karattru li jiġbed lejh lil kulħadd, l-aktar bit-tbissima u l-kelma tiegħu. Kien bniedem altruwista - dejjem lest biex jgħin u jagħmel il-qalb lil ħaddieħor, għalhekk kien għalliem minn twelidu, kif għandu jkun għalliem tajjeb! Kien iħobb ukoll jikteb bil-Malti.

Dak iż-żmien kont għadni ma nafx bil-ħila tiegħu fil-Poeżija, kif sirt naf snin wara. Kien fis-snin erbgħinijiet li ġew f'idejja xi kopji tal-"Pronostku Malti" tad-Ditta Giov. Muscat tal-Belt, u li fihom iltqajt ma' xi poeżiji tiegħu.

**GĦANA**

Kull ħdura ssib mewtha fin-nixfa,
Kull ferħa fil-għali tintemm,
M'hemmx ħliqa li tgħix bla ma titlef,
Fil-bidla kull ħlewwa ssib hemm.

Bħall-ilma li jgħanni fir-ramel,
Xħin jonqos fil-mixja jitqiel;
Id-daħka tal-warda tintefa,
X'ħin tinża lewnitha u titbiel.

Biss fl-għana sibt ħajja bla telfa,
Sibt għaxqa li bħalha xejn fl-art,
Xrobt għasel li jhenni wisq minnu,
Sibt fwiħa sibt weraq fih ward.

Għax l-għana jaf jisraq minn Mejju
In-naħal, l-għasafar ħelwin,
In-nida li jilma bħall-fidda
Fil-kisra ta' sebħ l-iżjed bnin.

Għax jixgħel id-dalma ta' qalbi
Jaf l-għana bi kwiekeb u xmux;
Qawsalli jew oqmra bid-dija
Jaf joħloq, jaf jimla fejn mhux.

Fis-sikta ħlewwietu jien nisma,
Bħall-ġenna mitlufa fil-ferħ,
Jew rogħda ta' biża fil-baħar,
Xħin tieqaf is-sliema fis-serħ.

Xejn xejn ma jgħoġobni daqs l-għana,
Għax fl-għana sibt ferħ donnu ġenn;
Id-dawl lewn id-deh'b, lewn il fidda,
Rebbiegħa ta' dejjem fil-kenn.

GUŻÈ MICALLEF.



DIN IL POEŻIJA TAS-SUR

## ĠUŻÈ MICALLEF

**Hadet il-Hames Premju**

## INVICTUS.

*Lil Habib Tieghi Paulinu Farrugia B. Litt.; LL.D.*

Bħal dgħajsa f'nofs ta' baħar, baħar faħxi,
Bla qigħan u bla lwien, baħar bla xtut,
Sibt ruħi jien minn mewġ il-ħajja mħedded
Li nkun miblugħ, u fit-telfien immut.

Ġranet koroħ bla xemx, lejliet bla kwiekeb
Għaddew minn fuqi bil-mijjiet, bl-eluf
Ħassejt lil-ġismi mejjet, bosta drabi
Ħassejtni sa nintemm, niġi mitluf.

M'għajjatx, ma bkejtx, ma bżajtx u ma qtajtx qalbi
Għax naf li l-bniedem sid it-telf u r-rebħ,
Żammejt il-rasi l-fuq dejjem mgħollija
W emmint li kellu jerġa jiġi s-sebħ.

Ħaddimt 'il-ħila ta' ġo fija kollha
Ir-rieda u l-ħsieb għaqqadt it-tnejn flimkien
Irbaħt id-dalma bla ma baxxejt rasi
U sfajt rebbieħ, rebbieħ fuq it-telfien.

Rebbieħ il-bniedem jista jisfa dejjem
Għax f'moħħ il-bniedem hemm qawwiet mill-kbar
Jonqsu jagħrafhom biss, jonqsu jħaddimhom
Biex jisfa ħieni u qawwi lejl u nhar.

Alla tal-għaġeb! Is-sema l-art u l-baħar
Għammar bi ħlejjaq mingħajr qies u xebħ
Imma lil-bniedem għoġbu jgħani b'qawwa
Li jkun sid kollox, sid it-telf u r-rebħ.

Siġġiewi — ĠUŻÈ MICALLEF.

## DINJA ĠDIDA

(Fantasija tal-1939)

*Lil-ħabib tiegħi Godfrey Randon LL.D*

Inxerrdu ward u weraq
Fit-toroq, kullimkien
Ġo l-bliet u ġo l-irħula,
Wasal tal-Paċi ż-żmien.

Nifirħu għalanija
Nifirħu u nixxalaw
Indoqqu ngħannu u niżfnu
Għex l-għelt u l-mard spiċċaw.

Spiċċaw il-gwerer kollha
Spiċċa t-tixrid ta' demm,
U nqerdet il-mibgħeda,
Bejn l-aħwa l-ġlied intemm.

M'hemmx rebħ u telf bħas-soltu
M'hemmx mewt, dwejjaq, imrar
Kulħadd biss fehma waħda
Bħal aħwa ġewwa dar

Minn tarf id-dinja għall-ieħor
Tinsama għajta ta' ferħ
Kull qalb qegħda tfur bl-hena
Kull qalb sabet is-serħ.

Għalhekk inxerrdu l-weraq
Inxerrdu l-isbaħ fjur
Inxerrdu ferħ u mħabba
Mad-dinja kif iddur.

ĠUŻÈ MICALLEF.

## TLIET ERWIEĦ.

Ħajti katina ta' ġrajjiet li jbikku
Fil-jiem ta' ħajti qatt ma rajt ix-xemx
Donni xi dgħajsa fuq il-mewġ nitbandal
Donnu għalija ferħ u serħ ma hemmx.

Snin bla rebbigħa! Hemm u faqar ikraħ!
Dawn kienu sehmi sa mit-twelid, kuljum
Xtaqtni mitt darba li ma' ġejtx fid-dinja
Jew malli ġejt bla ħniena nkun mitmum.

Tmasħant! Ridt naħrab minn dik l-Id qawwija
Minn dik l-Id kiefra li sawwtitni bl-hemm!
Xejn sabar xejn! Dejjem fit-tbatija!
Xtaqt! Ħsibt li f'qasir żmien kelli nintemm.

Ħadtha kontra Alla u mort fittixt Alla ieħor
Lejl u nhar niġri u ngħarrex kullimkien
Ħaġa tal-għaġeb! Isem "Alla Wieħed"
Miktub fuq l-ibħra u fuq kull fejn dort jien.

* * *

Għaliex ninqered? Għandi ruħ li tifhem
U Min għamilha jifhem lilha wkoll
Di ruħi mnikkta li minn moħħu ħarġet
Jaf lilha jsabbar u mill-hemm iħoll.

Għaliex ninqered jekk jien għamil Tiegħu?
Kull mgħallem jifraħ bl-għamil stess ta' jdejh
Ma jistax jonqos li ma jħobbx għamilu
Ma jistax jonqos li ma jiġbdux lejh.

* * *

X'imkien ġo fija ma nafx fejn u l-għala
Sibt qawwa rieqda li ma ħadmet qatt
Malli bdiet taħdem qomt minn raqda kergħa
Għaġeb mill-ikbar li ma fehmu ħatt.

Telgħet ix-xemx! Jum ġdid wara ieħor sebaħ
Il-barka niżlet, ruħi ntliet bil-ferħ
Donnha ruħ ġdida ġiet maħluqa fija
Dejjem u f'kollox, kullimkien sibt serħ.

Il-Ħolqien kollu minn tarf s'ieħor idda
Rajt il-ġmiel jimla kull fejn hemm l-għoljiet
Kull fejn hemm baħar u kull fejn hemm wisa
Minn qiegħ l-art samma sa fejn hemm smewwiet.

Fil-ħsieb ta' moħħi u fit-taħbit ta' qalbi
Fl-uġigħ u l-faqar u fin-niket kbir
Inħossni anġlu li mis-sema niżel
Inħossni anġlu lejn is-sema ntir.

Siġġiewi — ĠUŻÈ MICALLEF.

B'kollox sibt erbgħa, li huma:

1. Għana - 1937, paġni 96-7
2. Tliet Erwieħ - 1938, paġni 97-8
3. "Invictus" - 1939, paġni 84, 86
4. Dinja Ġida - 1939, paġni 98-99

Illum, wara kważi sittin sena minn mewtu, irrid infakkru bil-versi tiegħu stess, b'dawn l-erba' poeżiji li sibt, biex ikunu bħala "monument" ċkejken ta' tifkira tiegħu għalina u għal dawk ta' warajna.

Jixraq ukoll li nsellimlu bil-versi sbieħ tas-sunett li ħabibu, il-Poeta Karmenu Vassallo sellimlu bih f'jum mewtu, nhar it-23 ta' Frar, 1941.

B'TIFKIRA TA' MEWT ĦABIBI
ĠUŻÈ MICALLEF TAS-SIĠĠIEWI
(23 ta' Frar 1941)

**Jien le, jien ma ninsiekx. Bil-mawra tiegħek**
**int ma nfridtx minni u ma tinfired qatt:**
**għalija għadek ħaj u tibqa', għax miegħek**
**għeruq imħabbti u ħbiberiti rbatt.**

**Jien li ħeġġiġtek tgħanni bħali, ibigħek**
**iż-żmien lin-nísi ma nħallix: tinħatt**
**tista' kull saltna, barra tagħna: imiegħek**
**ġieħek ġo qabrek jien ma nħalli 'l ħadd.**

**Trabbejna żgħar flimkien f'raħal twelidna:**
**u t-tnejn ħabbejna d-dawl tal-għerf u s-sewwa,**
**u t-tnejn ġarrabna l-hemm fis-skiet u t-talb.**

**B'qalbna fi Lsienna u ruħna f'Alla Sidna,**
**aħwa sfajna f'żgħużitna barra u ġewwa -**
**mafkar asaħħ mill-bronż ħabib tal-qalb!**

**12.1.43** **KARMENU VASSALLO**

Minbarra s-sunett, Karmenu kiteb ukoll il-kliem tas-"santa" b'tifkira li tqassmet wara l-mewt, kliem magħżul u mirqum:

**"Fir-rebbiegħa ta' ħajtu**
**Mibki minn ommu, minn ħutu, minn ħbiebu**
**Wara marda qasira**
**Ta' ftit jiem bgħid minn daru**
**Ittajret għal ħdan Alla**
**Ir-ruħ għażiża ta'**
**ĠUŻÈ MICALLEF**
**Mis-Siġġiewi**
**TEACHER FL-ISKEJJEL TAL-GVERN**
**Dilettant kbir ta' l-ilsna**
**Ħabib u kittieb tal-Malti**
**Wara 25 sena għomor**
**Mitmuma fil-għodwa tal-Ħadd**
**23 ta' Frar 1941**

Nota Personali - 2

*Fil-gwerra sirt naf li s-"Sir Micallef" kien sar iħobb u tgħarras lil Tfajla X, għalliema bħalu, li kienet ġiet mal-familja tagħha refuġjati tal-gwerra fostna (1940-43).*

*Ħabta u sabta, Ġużè kellu jidħol l-isptar għal operazzjoni ta' l-appendiċite, li kienet żviluppat f'peritonite, u li miet taħtha.*

*It-Tfajla X, li snin wara saret ukoll Sinjora (Headteacher) ta' l-Iskola u llum hija pensjonanta, baqgħet ma' żżewġitx - ħlief lilu fi ħsiebha u f'qalbha. Imħabba poetika wkoll, li baqgħet sħiħa u ħajja!*

***03.04.2000*** ***Pawlu Aqulina***